**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**Decizjoni Numru 2471**

Kaz Nru: 3296/ ET

Fil-kwistjoni tax-xoghol bejn

Ilona Galea

u

Carmel Mallia

u

Finesse Limited li b'digriet tal-
20 ta' Novembru, 2014, ir-rikorrenti
irtirat it-talba taghha fil-konfront
ta' Finesse Limited

Illum : 20 ta' April, 2017

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ingusta.*

CHAIRMAN: Is-Sur Edmund Tabone M.A., B.A. (Hons), Dip. Mgt.

**Introduzzjoni u dikjarazzjonijiet tal-kaz**

Dan il-kaz gie ntavolat permezz ta' rikors mill-Avukati Matthew Brincat u Geoffrey Vella f'isem ir-rikorrenti fl-24 ta' Settembru 2014.

Fir-rikors gie spjegat li r-rikorrenti kienet impjegata fuq bazi *full-time* bhala *Telephone Salesgirl* minn Novembru 2012. Ma kienx car, minhabba nuqqas ta' dokumentazzjoni, jekk ir-rikorrenti kinitx impjegata minn Carmel Mallia jew mis-socjeta' Finesse Limited, u ghalhekk iz-zewg 'persuni' gew imharrka.

Fir-rikors l-Avukati qalu li r-rikorrenti giet imkeccija fl-10 ta' Gunju 2014 u li r-rikorrenti sahqet li t-tkeccija ma saritx ghal raguni tajba u sufficjenti skont il-ligi u bla ebda rispett lejn il-principji tal-gustizzja naturali; kif ukoll tad-drittijiet taghha bhala impjegata tqila.

Fid-dikjarazzjoni tal-kaz, permezz tal-avukat Robert Tufigno, is-Sur Mallia qal li r-rikorrenti ma tkeccietx. Illi meta kienet tqila kienet talbet lil Mallia biex tiehu l-*maternity leave* ghal zmien disa' xhur wara li twelled. Carmel Mallia ghamel il-verifiki tieghu biex jara jekk ir-rikorrenti kienitx intitolata ghall-*maternity leave* ghal daqshekk zmien. Wara dawn il-verifiki, hu informa lir-rikorrenti li hija ma kinitx intitolata ghall-*maternity leave* ghal daqstant zmien. Wara li Carmel Mallia informa lir-rikorrenti b'dan hija taghtu n-*notice* li kienet qed tirrezenja. Carmel Mallia ma hallhiex lir-rikorrenti tahdem in-*notice* u hallasha ta' dan, u hadmet l-ahhar jum taghha fl-10 ta' Gunju 2014. Ghaldaqstant Carmel Mallia qed jichad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjez.

## Fatti

Minn dokument ufficjali tal-ETC ir-rikorrenti giet impjegata ma' Carmel Mallia/ Finesse Limited fit-13 ta' Marzu 2013 bhala *Telesales Person*. It-tmiem tal-impjieg kien fl-10 ta' Gunju 2014 u jidher bhala '*resigned*'.

## Provi

F'dawn il-proceduri xehdu r-rikorrenti, is-Sur Carmel Mallia, Stephanie Mallia – bint Mallia u *Telesales Girl*, Vincienne Galea – *Telesales Girl* u Joseph Saliba – rapprezentant tal-ETC. Gew ukoll esebiti dokumenti relatati mal-paga tar-rikorrenti u rekords tal-ETC ukoll dwar ir-rikorrenti.

## Konsiderazzjonijiet

Dan it-Tribunal ghandu biex jikkunsidra jekk it-terminazzjoni tar-rikorrenti, f'forma ta' rizenja, kinitx minn jeddha jew kinitx kagun ta' sitwazzjonijiet mahluqa minn Carmel Mallia allura f'forma ta' terminazzjoni sfurzata.

Fix-xhieda Carmel Mallia qal li r-rikorrenti li kienet tqila b'sitt xhur tqala talbet *maternity leave* ta' disa' xhur li ma setax itihomlha. Fl-istess hin kien hemm diskussjoni mar-rikorrenti li dan seta' jaghtiha tliet xhur u mhux erbgha kif talbet ir-rikorrenti.

Stephanie Mallia, it-tifla ta' Carmel Mallia u impjegata bhar-rikorrenti, xehdet li dakinhar tan-*notice* ir-rikorrenti qalet lil Carmel Mallia li qed ittih in-*notice* u li se tibdieh minn dakinhar stess u r-raguni kienet li wara l-*maternity leave* ma setghetx tidhol xoghol u li riedet aktar biex tidhol lura. Qalet li semghet lir-rikorrent tghid hekk lil missierha. Qalet ukoll li hi bdiet tibza'. Qalet li talbitu disa' xhur *leave* u li ma setax itiha daqshekk.

Vincienne Galea, it-*telesales girl* l-ohra li kienet u ghadha tahdem ma' Carmel Mallia xehdet l-aktar fuq l-avvidavit li kienet ghamlet u li gie ipprezentat mis-Sur Carmel Mallia.

Fl-avvidavit Vincienne Galea qalet li dakinhar li r-rikorrenti tat in-*notice*, is-Sur Carmel Mallia, xhin spiccat mix-xoghol, qallha li sejra lura fis-*Sales* u ma setghetx tibqa' sejra hekk. Ir-rikorrent bdiet tibki u Vincienne Galea ppruvat tikkalmaha ghax kienet tqila. Galea kompliet li kif hi u r-rikorrenti kienu hergin mix-xoghol, ir-rikorrenti qabdet u tat in-*notice* u s-Sur Carmel Mallia qallha li tista' tibda n-*notice* minn issa. Vincienne Galea

kompliet li s-Sur Mallia kien jittratta lil kulhadd l-istess u qalet li r-rikorrenti qatt ma qaltilha li s-Sur Carmel Mallia kien idejjaqha.

Fil-kontro-ezami Vincienne Galea qalet li r-rikorrenti kienet spiss tibki ghax dejjem kienet qed tistenna li s-Sur Carmel Mallia kien se jkecciha. Vincienne Galea qalet li kienet taf li bejn Mallia u r-rikorrenti kien hemm dizgwid. Galea qalet li r-rikorrenti kienet dejjem tibza' li se titkecca ghax tqila. Qalet ukoll wara diversi tentattivi mill-avukat u mic-*chairman* li d-dizgwid kien fuq il-*maternity leave.*

Fl-ahhar xehdet ir-rikorrenti. Xogholha kien li ccempel lill-klijenti biex tbiegh id-*detergents* biex jghinu t-tfal tal-Guatemala. *Sales target* kienet ta' €600 kuljum. Qalet li hi kienet tbiegh €1000 kuljum. Kienu tlieta fuq dan ix-xoghol, hi, Vincienne Galea u Stephanie Mallia. Ir-rikorrenti spjegat li l-problemi bdew meta qalet lil Stephanie Mallia u lis-Sur Mallia li hi tqila. L-ewwel qalet lil Stephanie Mallia. Din b'ton gholi qaltilha "Issa x'ha taghmel? Ha tkompli tahdem hawn?" Ir-rikorrenti qaltilha li m'ghandhiex hsieb li titlaq. Dakinhar kellha xahrejn tqala. Ms. Mallia kienet tohdilha l-klijenti u allura ma setghetx tbiegh €1000 izda qatt ma bieghet inqas minn €600. Ms. Mallia ziedet l-aggressivita' mar-rikorrenti u lanqas kwazi ma setghet titkellem u anke ma kinitx thalliha tmur it-*toilet* kemm trid ir-rikorrenti skont il-bzonnijiet. Dan l-attegjament twettaq kollu meta r-rikorrenti qalet li hi tqila.

Ir-rikorrenti kompliet tixhed li kienet tmur id-dar dejjem imbikkma u t-tabib innota pressjoni gholja. It-tabib taha parir biex tkellem il-*Labour Office*. Tal-*Labour Office* qalulha li jew ikellmu lis-Sur Carmel Mallia huma, jew tqabbad avukat u tressqu l-Qorti. Ir-rikorrent ma riditx li tal-*Labour Office* icemplu lis-Sur Carmel Mallia ghax bezghet.

Ir-rikorrenti meta kellha sitt (6) xhur tqala kellmet lis-Sur Carmel Mallia fuq il-*Maternity Leave* u qallha li ghandha tliet (3) xhur meta tal-*Labour Office* qalulha li ghandha erba' (4) xhur. Is-Sur Mallia baqa' jinsisti fuq tliet (3) xhur u qallha li 'irridu naraw x'se naghmlu'.

Ftit wara s-Sur Carmel Mallia qallha ahjar tieqaf u jerga' jaccettaha sena wara. Ir-rikorrenti din ma ridithiex u riedet l-erba' (4) xhur *maternity leave*. L-ghada s-Sur Mallia donnu accetta li titlaq erba' (4) xhur izda beda jargumenta mar-rikorrenti fuq is-*sales* ghax sal-*break* kienet ghamlet €326 li skont ir-rikorrenti kien aktar minn nofs it-*target* minimu ta' €600. Is-Sur Mallia qallha li ma tistax tkompli hekk. Vincienne Galea ukoll kienet ghamlet ammont simili u ma qallha xejn. Lir-rikorrenti imbaghad qallha li se jkollha tieqaf u kien determinat. Fuq mistoqsija tac-*Chairman*, ir-rikorrenti taht gurament ikkonfermat li xorta t-*target* ta' €600 dejjem kienet tilhqu. Ir-rikorrent staqsiet lil Mallia x'se jsir u dan qallha li se jkollha tieqaf u qaltlu 'mela nibda n-*notice*'. Hu qallha iva. Ir-rikorrenti sostniet li tefghet in-*notice* bil-pressjoni tas-Sur Carmel Mallia. Ir-rikorrenti qalet li l-flus dovuti lilha kollha thallsu.

Fil-kontro-ezami tar-rikorrenti hareg li skont ir-rikorrenti, Ms. Mallia kienet qed tiehu l-klijenti tar-rikorrenti. Qalet ukoll li l-pressjoni gholja li kellha fl-ahhar xhur tal-impjieg waqt li kienet tqila kellha effett fuq it-tifla li issa ghandha u dan, skont hi, qalulha t-tabib ghax it-tifla kienet wisq '*hyper*'.

Fil-kontro-ezami Dr. Tufigno qal lir-rikorrenti li hi kienet tahseb li ghandha disa' (9) xhur *parental leave*. Dan ir-rikorrenti innegatu ghal aktar minn darba u sostniet li dejjem fuq erba' (4) xhur tkellmet skont kif qalulha tal-*Lab our Office*.

**<u>Decizjoni</u>**

It-Tribunal wara li ezamina x-xiehda kollha u t-trattazzjonijiet finali taz-zewg partijiet, qed jiddeciedi kif gej.
It-Tribunal wara li gharbel il-fatti kollha u analizza fil-fond ix-xiehda ta' kulhadd qed jasal ghall-konkluzjoni li r-rikorrenti Ms. Ilona Galea, giet sfurzata, f'sitwazzjoni ta' bizgha, sabiex taghti r-rizenja. It-Tribunal innota b'mod l-aktar car kif il-problemi f'dan il-kaz bdew immedjatament meta r-rikorrenti infurmat li kienet tqila. It-Tribunal jikkonkludi li fl-ahhar ir-rikorrenti, fic-cirkustanzi li kienet fihom, ma kienx baqghalha l-ebda xelta hlief li tirrezenja b'mod sfurzat b'aktar minn sitt xhur tqala.

Mehuda in-konsiderazzjoni c-cirkustanzi kollha tal-kaz it-Tribunal qieghed jiddeciedi li r-rizenja tar-rikorrenti kienet sfurzata u li l-impjieg intilef mir-rikorrenti b'mod ingust u li ghaldaqstant hemm lok li r-rikorrenti tinghata kumpens.

Il-kumpens qed jigi stabbilit fl-ammont ta' hames t'elef u hames mitt ewro (€5,500), liema kumpens ghandu jithallas mis-Sur Carmel Mallia lir-rikorrenti fi zmien xahar mid-data ta' din id-decizjoni.

Ghall-finijiet ta' Kapitlu 452 tal-ligijiet ta' Malta rigwardanti: drittijiet tad-difensuri tal-partijiet dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta' tlieta u disghin ewro u sbatax-il centezmu (€93.17).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Iffirmat : Edmund Tabone M.A., B.A. (Hons), Dip.Mgt
CHAIRMAN

Vera kopja

Mary Rose Galea
A/Segretarja